MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 614/1998/1

**Peter Galea**

**Vs**

**Anthony Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li, prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Jannar, 1998, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'impurdenza, b'imperizja u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa saq il-vettura tal-marka Fiat Saloon numru CAQ 829 fil-karreggjata opposta tat-triq biex investa l-vettura tal-attur tal-marka Morris numru KAJ 737 bir-rizultat li kkawzalu danni f'ammont li ma jeccedix

hames mitt Lira Maltin (Lm500), ihallas lill-attur l-istess danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentat tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 55 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu dan l-avviz, li sehh fil-15 ta' Jannar 1998 bejn il-kontendenti ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attur li waqt li kien qed isuq il-vettura numru KAJ 737 ittanta sorpass bir-risultat li mar fuq in-naha hazina tat-triq u b'hekk habat mal-vettura tal-eccipenti li dak il-hin kienet qed tinsaq minnu regolamenti u fuq in-naha tajba tat-triq, u dana kollu kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fuq l-<u>iskizz</u> (fol 92) maghmul u esebit in atti minn <u>PS 1404 Anthony Cutajar</u> (fol 88 et seq ibid) oltre li hemm murija l-lokalita' tal-incident ossija St Joseph High Road maghrufa ukoll bhala Triq il-Kbira fil-Hamrun, jista' jigi kostatat ukoll kif u fejn waqfu zewg vetturi involuti f'dan il-kaz. Filfatt fuq naha wahda hemm indikata l-karozza tal-marka Mini Minor bin-numru KAJ 737 misjuqa mill-attur fid-direzzjoni ta' Santa Venera waqt li fuq in-naha l-ohra tat-triq tidher dik bin-numru CAQ 892 tal-marka Fiat misjuqa mill-konvenut fid-direzzjoni tal-Belt Valletta ossija ta' Blata l-Bajda.

Illi, in rigward dak li stqarr l-attur u l-konvenut lill-istess Pulizija dan jinsab verbalizzat a fol 94 tal-atti. L-attur kien iddikjara illi "…. Car coming from the opposite direction swerved to the middle of the road and collided with my car" waqt li l-konvenut sostna "….from in front of me a car overtook a bus and collided with my car".

Ikkunsidrat

Illi l-attur fix-xhieda tieghu prodotta permezz ta' "affidavit" (a fol 11 sa fol 23 tal-atti) u annessa qabel in-notifika tal-konvenut bl-avviz in esami spjega li, waqt li kien qed jsuq il-karozza tieghu fid-direzzjoni tal-Knisja ta' San Gejtano u dan ghall-habta tal-11pm quddiemu kien hemm karozza wahda biss li marret lejn ix-xellug fis-sens li dahlet f'triq laterali li tmur lejn Hal Qormi. Fuq in-naha l-ohra tal-istess triq hu kien ra vetturi ohrajn weqfin quddiem passagg pedonali ("zebra crossing"). Filatt kif wasal quddiem fejn hemm fergha ta' Bank lokali (ara, ukoll, l-imsemmi skizz) hu ra karozza tinsaq mid-direzzjoni opposta u "…. Taqbez dawn il-vetturi weqfin" liema karozza, bhala konsegwenza ta' dan giet "….dritt ghal fuqna". Meta ra hekk u sabiex jaghmel tentattiv ta' 'evasive action' hu gibed mal-bankina izda dan kien ghal xejn u filfatt il-karozza tieghu ntaqtet fuq in-naha tal-lemin ("fuq in-naha tas-sewwieq"). Mad-daqqa, hu kien waqaf fil-pront waqt li l-ohra "… baqghet miexja u waqfet fuq in-naha l-ohra tat-triq hdejn il-bankina tan-naha l-ohra (ara l-imsemmi skizz dwar fejn waqfu l-istess karozzi). Hawnhekk ta' min jghid, pero', li l-attur ma qabilx mal-istess iskizz u mar-'road accident report" imsemmi ukoll. Difatti hi semma' li l-konvenut kien imlahlah" u li l-istess konvenut kien hebb ghalih, fatti li skond hu kien indikhom lill-imsemmi Pulizija. Inoltre hu kien informa lill-istess Pulizija illi l-karozza l-ohra, misjuqa mill-konvenut kien qed tinsaq "wrong side' u li fl-ahhar mumenti qabel il-habta, kien gibed ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex jevitaha, fatti li ma jissemmewx fl-istess rapport. Hu kompla jghid li dak li kien stqarr il-konvenut lill-Pulizija ma kienx minnu, fis-sens li ma kienx minnu li kien hemm xarabank quddiemu u li hu kien qed jissorpassa lil din. Dwar l-istess skizz, hu semma' li fuqu ma kienx jidhru

kaxxa mmarkata biz-zebgha safra fuq l-art quddiem l-imsemmi Bank kif ukoll it-triq li hu semma u li taghti lejn Hal Qormi. Fl-ahhar nett, hu ukoll ikkritika l-posizzjoni tal-vettura tieghu kif murija dejjem fuq l-istess skizz. Difatti hu enfasizza li "… ir-rota tal-passiggier kienet tirfes il-kaxxa s-safra li hemm quddiem il-Bank' oltre li t-triq ma hiex hekk dritta izda kif jidher fuq ir-ritratti esebiti minnu (ara fol 18 u fol 19 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, flimkien mal-attur fl-istess karozza kien hemm ukoll Anita Schembri (fol 24 et seq ibid) li, sostanzjalment ikkonfermat dak li kien xehed l-gharus taghha l-attur. Jigi pero' notat illi hi semmiet illi l-konvenut, waqt li kien qed jissorpassa dawk it-tlett vetturi weqfin qabel il-passagg pedinali, kien qed jsuq b'velocita qawwija (ara ukoll l-"affidavit" ta' missierha Charles Schembri a fol 49 tal-atti).

Illi, in sostenn ta' dak li xehdu l-attur u l-gharusa tieghu, gie prodott Stephen Attard (fol 32) impjegat mas-socjeta' "RMF" u li kien gie fuq il-post tal-incident sabiex jaghti s-servizzi ta' 'towing' wara li gie msejjah fuq il-post mix-xhieda precedenti. Dan ikkonferma illi l-vettura tal-attur kellha "…. ir-rota ta' wara …. tan-naha tal-passiggier …. tirfes il-linja s-safra tal-kaxxa tar-'reserved"…" quddiem l-imsemmi Bank, kif ukoll kienet "…. Ma genb il-bankina …. " quddiem l-istess Bank.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut da parti tieghu xehed (fol 104 et seq ibid) illi meta wasal f'din il-lokalita kienu ghadhom kemm gew esegwiti xoghlijiet f'Istitut filantropiku sitwat hemm. Mid-direzzjoni opposta ghalih hu kien ra dawl wiehed biss, mixghul waqt li minn din id-direzzjoni, kien gej, ukoll xarabank. Hawnhekk hu jsostni li dik il-vettura' b'dawl wiehed, "… qalghet ix-xarabank …. Jiena sibtu hesrem fuqi". Bhala konsegwenza ta' dan l-attur habat mal-karozza tieghi. Hawnhekk hu semma illi "Fl-opinjoni tieghi minhabba din il-manuvra, l-attur gie fuq in-naha tieghi tat-triq".

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-premess, jidher li l-partijiet qedin reciprokament allegaw fil-konfront ta' xulxin sewqan negligenti a basi ta' sorpass esegwit b'mod imprudenti u ghalhekk, kif dejjem ghamlet f'cirkostanti bhal dawn, il-Qorti rat jekk hemmx xi prova indipendenti mill-partijiet u li tista' tghin lill-istess Qorti sabiex tara minn fost il-partijiet involuti hu l-aktar kredibbli, fuq basi ta' probabilta' (aktarx iva mili le).

Illi, in rigward dan ma jidhirx li l-iskizz seta' kien ta' xi ghajnuna.

Illi, pero', il-Qorti nnotat li l-attur esebixxa (fol 108 sa fol 109 u fol 115 sa fol 120 tal-atti) dikjarazzjoni maghmula mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun, bi pjanta annessa, oltre dikjarazzjoni ohra ta' kuntrattur fil-bini b'ritratti in konnessjoni max-xogholijiet li semma l-konvenut fix-xhieda tieghu. Minn dawn id-dokumenti, li ma gewx kontestati mill-konvenut, jirrisulta li f'dik il-lokalita u dawn ix-xogholijiet in konnessjoni ma 'bankina kienu gew esegwiti bejn id-19 u 31 ta' Mejju 1997 waqt li dawk in konnessjoni mal-imsemmi Istitut kienu nbdew fit-30 ta' Gunju 2000. Hawnhekk jigi notat li l-incident in esami kien gara fil-15 ta' Jannar 1998 cjoe <u>ferm qabel</u> ma nbdew ix-xogholijiet fl-istess Istitut. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilita tax-xhieda tal-konvenut ghalhekk, fl-opinjoni fondata tal-Qorti dak li xehed l-attur, l-gharusa tieghu u Stephen Attard ghandu jigi emmnut. Bhala konsegwenza, ir-responsabbilta ta' dan l-incident ghandha tigi assenjata lill-konvenut li esegwixxa manuvra ta' sorpass b'mod imprudenti u minghajr id-debita kawtela rikjesta minnu.

Ikkunsidrat

Illi in rigward id-danni u l-quantum ta' danni, gew prodotti dokumenti mill-attur in sostenn tal-ammont pretiz minnu u ammontanti ghal Lm425.55,0 (ara fol 20 sa fol 23, fol 65, fol 97 kif ukoll ix-xhieda a fol 13, 63 u 90 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni, imprudenza, imperizija u nuqqas tat-tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm 425.55,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm425.55,0 bl-imghax legali mit-3 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------